A.L. 120 ta' l-1989

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI

(KAP. 12)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1004 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda A".

Kap. 12.

Jemenda t-Tariffa I ta' l-Iskeda A.

2. Minflok il-paragrafu (2) tat-Tariffa I ta' l-Iskeda A għandu jidħol dan li ġej:

	Lm c m
"(2) Dritt għar-reġistrazzjoni u għat-traskrizzjoni li jitħallas darba waħda minn kull parti fil-kawża, sew jekk il-parti tressaq xhieda jew le	5.00,0".